**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**INFERJURI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D. MAG. JURIS (EU LAW)**

**SEDUTA TAL-5 ta' Settembru 2002**

Avviz numru 85/2000

It-Tabib Kirurgu Dr Anthony A. Bernard

-s-

Marianna Vella

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta' l-attur li talab il-kundanna tal-konvenuta li thalsu l-ammont ta' erba' mija tnejn u tletin lira Maltin (Lm432) drittijiet professjonali lilu dovuti mill-konvenuta ghall-operazzjoni li ghamlilha u kura inkonnessjoni ma' l-istess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Marzu 2000 u bl-interessi mill-istess data ta' l-ittra ufficjali.

Il-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-verbali taghha;

Rat li l-konvenuta naqset li tintavola risposta u kif jirrizulta mill-verbali qatt ma dehret personalment;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi f'din il-kawza jikkonsistu biss fix-xhieda li ta t-tabib fl-udjenza tal-31 ta' Mejju tas-sena l-ohra. Nonostante d-diversi differimenti sussegwenti li l-Qroti kkoncediet lill-konventua biex topponi t-talba, hi naqset, anke li tidher personalment.

Billi mix-xhieda ta' l-attur, mhux kontradetta, it-talba tieghu hi pruvata, qeghdha ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u kwindi tikkundanna lill-konvenuta thalsu l-ammont ta' erba' mija tnejn u tletin lira Maltin (Lm432) bl-imghax mill-24 ta' Marzu 2000 u l-ispejjez tal-kawza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur